

32005D0013

L 6/8

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

8.1.2005

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat 3 ta' Jannar 2005

li temenda d-Deċiżjoni 2001/881/KE li tħejji lista miftehna ta' postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera għall-kontrolli veterinarji fuq l-annimali u prodotti ta' l-annimali minn pajjiżi terzi u li taġġorna r-regoli dettaljati li jirrigwardaw il-kontrolli li għandhom jitwettqu mill-esperti tal-Kummissjoni

(innotifikata fid-dokument bin-numru C(2004) 5598)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2005/13/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta' Diċembru 1997 li tistipula l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-kontrolli veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tagħha, ⁽¹⁾

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/496/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni ta' kontrolli veterinarji fuq annimali li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi u li temenda d-Direttivi 89/662/KEE, 90/425/KEE, u 90/675/KEE ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(4) tagħha,

Billi:

(1) Iż-żamma tas-sigurtà tal-fruntieri biex ma jkunx hemm dħul ta' organiżmi ta' ħsara potenzjali sew għas-saħħa ta' l-annimali kemm għas-saħħa pubblika hija vitali, u l-infurzar kif imiss tal-leġislazzjoni tal-Komunità għandu jkun sorveljat mill-Uffiċċju Alimentari u Veterinarju tal-Kummissjoni.

- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/881/KE ⁽³⁾ tistabbilixxi kemm il-darba għandhom isiru spezzjonijiet mill-Kummissjoni fil-postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera fil-Komunità b'mod partikolari fir-rigward ta' l-infrastruttura, tagħmir u tħaddim tal-post ta' spezzjoni fuq il-fruntieri.
- (3) Mid-dħul ta' l-istandards armonizzati għall-faċilitajiet fil-postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/812/KE, ⁽⁴⁾ il-biċċa l-kbira tal-postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera issa jissodisfaw il-kondizzjonijiet meħtieġa minimi f'dak li għandu x'jaqsam ma' faċilitajiet bħal dawn.
- (4) Iż-żamma ta' kontrolli effettivi fuq l-importazzjonijiet tiddependi sew fuq id-disponibbiltà ta' faċilitajiet xierqa sew fuq l-implimentazzjoni effettiva ta' proċeduri stipulati fil-leġislazzjoni dwar kontrolli veterinarji, u dawn ta' l-aħħar għandhom issa jkunu l-punt prinċipali tal-missjonijiet imwettqa mill-Uffiċċju Alimentari u Veterinarju.
- (5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 745/2004 ⁽⁵⁾ li jstipula miżuri fir-rigward ta' l-importazzjoni ta' prodotti li ġejjin mill-annimali għall-konsum(jew użu) personali jipprovdni qafas legali għall-Istati Membri fit-twettiq ta' kontrolli fil-postijiet kollha ta' dħul fil-komunità barra minn dawk il-kontrolli fil-postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera skond l-iskema ta' kontrolli veterinarji; dan it-tip ta' kontrolli lil hinn mill-postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera għandhom ukoll jkunu sorveljati mill-Uffiċċju Alimentari u Veterinarju.

⁽¹⁾ ĠU L 24, tat-30.1.1998, p. 9. Id-Direttiva kif emendata bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003.

⁽²⁾ ĠU L 268, ta' l-24.6.1991, p. 56. Direttiva kif emendata l-aħħar bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003.

⁽³⁾ ĠU L 326, tal-11.12.2001, p. 44.

⁽⁴⁾ ĠU L 316, tat-23.11.2001, p. 28.

⁽⁵⁾ ĠU L 122, tas-26.4.2004, p. 1.

- (6) Il-frekwenza u l-għan tal-missjonijiet mill-Uffiċċju Alimentari u Veterinarju li jeżaminaw mill-ġdid il-kontrolli fuq l-importazzjonijiet fil-postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera fl-Istati Membri għandhom jiġu deċiżi fuq bażi ta' kemm hemm riskji għas-saħħa ta' l-annimal u dik pubblika fil-Komunità, wara li tiġi kkunsidrata l-informazzjoni kollha disponibbli għall-Kummissjoni, inklużi l-mudelli kummerċjali fil-komunità, l-istatistika disponibbli skond il-leġislazzjoni veterinarja, ir-riżultati ta' missjonijiet li saru qabel mill-Uffiċċju, kull qasam problematiku identifikat, u kull informazzjoni oħra rilevanti.
- (7) Id-Deċiżjoni 2001/881 għandha għalhekk tiġi emendata.
- (8) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/881KE jinbidel bit-test li ġej:

"Artikolu 2

1. L-esperti veterinarji tal-Kummissjoni għandhom iwettqu spezzjonijiet regolari fl-Istati Membri f'kooperazzjoni ma' l-esperti ta' l-Istati Membri biex jeżaminaw mill-ġdid il-konformità mal-leġislazzjoni tal-Komunità dwar il-kontrolli fuq l-importazzjoni fil-postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera elenkati fl-Anness. Il-missjonijiet għandhom ikunu mmirati lejn l-assessjar tar-riskji għas-saħħa ta' l-annimali u dik pubblika fil-Komunità u għandhom jeżaminaw mill-ġdid l-aspetti kollha ta' implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-Komunità dwar il-kontrolli veterinarju ta' l-importazzjoni, inklużi l-infrastruttura, it-tagħmir u l-proċeduri.

2. Il-Kummissjoni wara konsultazzjoni ma' l-Istat Membru ikkonċernat tista' wkoll teżamina mill-ġdid il-verifiki li saru f'dak li għandu x'jaqsam mas-saħħa ta' l-annimali u dik pubblika fuq l-importazzjonijiet u l-bagalji personali tal-

passiġġieri fil-postijiet l-oħra ta' dħul li ma tniżżlux bħala postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera.

3. L-ispezzjonijiet mill-esperti veterinarji tal-Kummissjoni għandhom ikunu msejsa fuq l-assessjar tal-fatturi kollha rilevanti kif jidher aktar fid-dettall fil-paragrafu erbgħa u r-riskji potenzjali u l-impatt ta' dawn il-fatturi fuq is-saħħa ta' l-annimali u dik pubblika fil-Komunità.

4. Il-Kummissjoni tistabbilixxi prioritajiet ta' destinazzjoni u frekwenza meta tippjana missjonijiet ta' l-Uffiċċju Alimentari u Veterinarju hi u tikkunsidra l-istorja ta' l-ispezzjonijiet li saru qabel f'xi Stat Membru, it-tagħrif migħbur skond is-sistema TRACES, informazzjoni mibgħuta mill-Istati Membri skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 745/2004 u l-parametri li ġejjin:

- il-mudelli kummerċjali kwantitattivi u kwalitattivi li jirrigwardaw xi Stat Membru, inklużi t-tip u l-ispeċċi ta' annimali jew ta' prodotti, u l-pajjiż minn fejn joriġinaw,
- xi informazzjoni rilevanti li tirrigwarda possibbiltà ta' importazzjonijiet illegali u r-riskju potenzjali tad-dħul ta' xi marda,
- xi informazzjoni disponibbli skond is-sistema Rapid Alert,
- kull tagħrif ieħor rilevanti.

5. Kull sena l-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Istati Membri kopja tar-rapport ta' spezzjoni għall-postijiet kollha ta' spezzjoni fuq il-fruntiera li tagħhom tkun għamlet żjara fit-12 il-xahar ta' qabel flimkien ma' rapport li jirrigwarda l-evoluzzjoni tal-qagħda ġenerali tal-postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera li dwarhom intlaħaq ftehim."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, fit-3 ta' Jannar 2005.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni